# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 15 ta' Lulju 2024

**Rik. Gur.Nru.: 169/2024 JPG**

**Kawza nru.: 22**

**JP**
**Vs**
**CS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur datat 4 ta' April 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi il-partijiet izzewwgu fis-seba' ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (07.03.2015) gewwa ir-Registru taz-Zwieg, il-Belt Valletta u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 342/2015 hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. JP1****;*

*Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni tat-tieni ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (02.03.2017) hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. JP2****;*

*Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet kellhom tifel wiehed, KP, illi illum il-gurnata ghadu minorenni.*

*Illi l-partijiet ilhom de iure separati għal aktar minn seba' (7) snin u dan kif inhu evidenzjat fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet hawn anness;*

*Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemm l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom ħajja totalment separati minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi nhar l-24 ta' Gunju 2024 l-intimata deheret quddiem din il-Qorti minghajr assistenza legali u wara li l-Qorti spjegatilha d-drittijiet legali taghha, l-intimata ddikjarat li ma tehtiegx assistenza legali u mhux qed topponi ghad-divorzju; (vide fol 16)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 16)

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 17**) illi il-partijiet izzewgu nhar is-7 ta' Marzu 2015 u minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni. Iddikjara illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 2 ta' Marzu 2017 fl-atti tan-Nutar Dr Fiona Zammit Armeni. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet nhar l-24 ta' Gunju 2024 u** kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Marzu 2015 liema zwieg jgib certifikat numru 342/2015 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Fiona Zammit Armeni nhar it-2 ta' Marzu 2017 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 342/2015 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**